**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 26B/97**

**Mario Caruana**

**vs**

**Maria Antonia Sciberras**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ppremtta illi hu jqabbel lill-intimata zewg porzjonijiet mill-ghalqa "Tal-Matta" fl-Imqabba u li huma mmarkati numru 13 u 12 fuq il-pjanta Dok. "A" versu l-qbiela ta' Lira Maltija (Lm1) fis-sena jithallas b'lura kull 15 ta' Awissu l-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 1998.

Illi huwa ghandu bzonn l-istess porzjonijiet ghal kostruzzjoni fuqhom ta' bini.

Talab lil dan il-Bord sabiex prevja l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimata jekk din ghandha dritt ghalih skond il-ligi u tawtorizza li l-esponent jirriprendi l-pussess tar-raba fuq imsemmi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi jinghad u jigi sottolineat, preliminarjament; li l-intimata avolja debitament notifikata, ma jidhirx li b'xi mod jew ghal xi raguni ikkontestat it-talba tar-rikorrenti.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi, in rigward il-permess jew permessi tal-bini bil-pjanti relattivi (ara fol 5 tal-process) xehed l-istess rikorrenti Mario Caruana (a fol 15 tal-istess process) li, pero', esebixxa biss vera kopja tal-permess ta' bini u pjanti relattivi. (a fol 17 et seq ibid) in rigward il-"plot" numru 13 biss.

Illi, izda in rigward il-"plot" numru 12 ma ghandu jkun hemm ebda dubju li hemm permess ta' bini fuq dan il-"plot", ukoll, tenut kont li ma saret ebda oppozizzjoni da parti tal-intimata, dwar il-meritu ta' dan il-kaz u li fir-relazzjoni tal-periti teknici ta' dan il-Bord, il-"plots" in kwistjoni huma deskritti bhala tajbin ghall-bini (ara fol 9 tal-process).

Ikkunsidra

Illi, dan premess, kif jidher mill-istess relazzjoni teknika (a fol 8 u 9 tal-process), il-kumpens dovut lill-intimata jammonta ghal Lm160.

Ikkunsidra

Illi, ghalhekk il-Bord hu sodisfatt li il-kaz in dezamina jissodisfa dak stipulat fl-artikolu 4(2) (b) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u;

1) jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tar-raba in kwistjoni konsistenti f'zewg proporzjonijiet mill-ghalqa "Tal-Matta" fl-Imqabba u mmarkati bin-numri 12 u 13 fuq l-annessa pjanta "Dok. A" a fol 2 tal-process liema pjanta ghadha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

2) L-intimata ghandha taghti lura lir-rikorrenti l-imsemmija zewg "plots" sal-15 ta' Awissu 2000 u;

3) tordna lir-rikorrenti li jhallas lill-intimata is-somma ta' Lm160, bhala kumpens dovut skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg.